IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2020
COM(2020) 266 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi

1. Daħla

Id-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi hija l-istrument leġiżlattiv ewlieni sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-2030 tal-Programm għal Arja Nadifa[1]. Din id-Direttiva, li tissejjaħ ukoll id-Direttiva NEC, tistabbilixxi l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru tal-UE għall-perjodu mill-2020 sal-2029 u oħrajn aktar ambizzjużi mill-2030 'il quddiem, immirati lejn ħames sustanzi li jniġġsu fl-arja li huma responsabbli għal impatti negattivi sinifikanti fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent, li huma d-diossidu tal-kubrit (SO_2), l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x), il-komposti organiċi volatili mhux metaniċi (NMVOC), l-ammonijaka (NH_3) u l-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$). L-għan stabbilit fil-Programm għal Arja Nadifa huwa li l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa jitnaqqsu bin-nofs sal-2030 meta mqabbel mal-2005.

Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2016 u ħassar id-Direttiva 2001/81/KE[2] dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi b'effett mill-1 ta' Lulju 2018. Id-Direttiva (UE) 2016/2284 żiedet il-$PM_{2.5}$ mas-sustanzi niġġiesa li għalihom ġie stabbilit tnaqqis obbligatorju u estendiet il-lista ta' sustanzi niġġiesa li għalihom ir-rappurtar huwa obbligatorju. Id-Direttiva daħħlet ukoll bidla mil-limiti massimi tal-emissjonijiet, li jippreskrivu ammont annwali massimu fiss ta' emissjonijiet f'kilotunnellati għal kull sustanza niġġiesa, għall-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, li jistabbilixxu obbligi ta' tnaqqis espressi bħala perċentwal tal-emissjonijiet ta' kull sustanza niġġiesa fis-sena ta' referenza tal-2005. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fit-titjib tal-kwalità tal-arja, id-Direttiva (UE) 2016/2284 tistipula li l-livelli massimi nazzjonali tal-emissjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2001/81/KE mill-2010 jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2019. Is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jagħti ħarsa ġenerali lejn sa liema punt l-Istati Membri jilħqu l-livelli massimi tal-emissjonijiet rispettivi tagħhom[3].

L-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 sal-2029 skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 jikkorrispondu għall-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u 'l quddiem li l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu skont il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg[4] għall-Konvenzjoni tan-NU/KEE dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Programm għall-Arja Nadifa għall-Ewropa (COM(2013) 918 final, 18.12.2013).

[2] Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).

[3] Is-sit web li ġej jagħti iktar dettalji dwar l-ilħiq tal-livelli massimi tal-emissjonijiet tal-2010 min-naħa tal-UE u tal-Istati Membri tagħha: https://www.eea.europa.eu/themes/air/air-pollution-sources-1/national-emission-ceilings/nec-directive-reporting-status-2019.

[4] Il-Protokoll tal-1999 għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila, kif emendat fl-

Arja fuq Distanza Twila[5]. B'hekk id-Direttiva tittrasponi dawk l-obbligi internazzjonali.

Id-Direttiva (UE) 2016/2284, li tittratta l-emissjonijiet nazzjonali ġenerali, hija parti minn qafas ġuridiku tal-UE dwar l-arja nadifa flimkien mad-Direttivi tal-UE dwar il-kwalità tal-arja ambjentali[6] u mal-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola t-tniġġis tal-arja fis-sors[7]. L-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar l-arja nadifa tagħti kontribut essenzjali għall-"ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi" li l-Kummissjoni ħabbret fil-11 ta' Diċembru 2019 fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u f'inizjattivi relatati miegħu, bħall-"pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero għall-ilma, għall-arja u għall-ħamrija" ppjanat għall-2021[8].

L-Istati Membri kellhom jittrasponu bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2016/2284 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sal-1 ta' Lulju 2018. F'ħames każijiet, il-komunikazzjoni tard tat-traspożizzjoni ngħatat segwitu mill-Kummissjoni permezz ta' ittri ta' avviż formali skont l-Artikolu 258 tat-TFUE. Sadanittant, l-Istati Membri kollha kkomunikaw it-traspożizzjoni u l-Kummissjoni qed tivverifika l-konformità tal-miżuri nazzjonali nnotifikati, inkluż bil-ħsieb li tibda proċeduri ta' ksur f'każ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

Skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva (UE) 2016/2284, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-obbligu li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Dan ir-rapport jippreżenta l-kisbiet li saru s'issa b'rabta mal-kontribut għall-kisba tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, mat-titjib tal-kwalità tal-arja u mat-tnaqqis tal-impatti fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent[9].

Peress li ċerti impatti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva se joħorġu fid-dieher biss wara perjodu itwal taż-żmien u jeħtieġu settijiet tad-*data* pluriennali għall-valutazzjoni tagħhom, kemm dan ir-rapport jindirizza l-punti differenti elenkati fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva se jvarja. B'mod partikulari, fir-rigward tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2020 'il quddiem, l-Istati Membri mhux se

---

4 ta' Mejju 2012 (il-Protokoll emendat ta' Gothenburg) — http://www.unece.org/env/lrtap/status/lrtap_s.html.

[5] Il-Konvenzjoni tal-1979 fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira https://www.unece.org/environmental-policy/conventions/envlrtapwelcome/the-air-convention-and-its-protocols/the-convention-and-its-achievements.html.

[6] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1) u d-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

[7] Is-sit web li ġej jagħti ħarsa ġenerali lejha: https://ec.europa.eu/environment/air/index_en.htm.

[8] COM(2019) 640 final.

[9] Peress li dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni tad-Direttiva sal-bidu tal-2020, ir-Renju Unit huwa inkluż għalkollox fl-analiżi.

jirrappurtaw *data* dwar l-emissjonijiet lill-Kummissjoni qabel l-2022. B'hekk dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-analiżi tal-emissjonijiet ipprojettati f'dan ir-rigward. Bl-istess mod, f'dan l-istadju l-kapaċità li jiġu rrappurtati l-impatti tat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbilit fid-Direttiva fuq is-saħħa u fuq l-ekosistemi hija limitata. Ir-rapport jiffoka fuq il-Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (NAPCPs) li l-Istati Membri kellhom jissottomettu sal-1 ta' April 2019. L-NAPCPs jikkostitwixxu strument ta' governanza ċentrali fil-kisba tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u, għalhekk, huma partikularment utli sabiex jipprovdu valutazzjoni inizjali ta' fiex waslu l-Istati Membri fir-rigward tal-konformità jew jekk l-isforzi jkollhomx bżonn jiġu aċċellerati.

It-tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa, ippjanata għal tmiem l-2020, li ssegwi l-ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa li ġiet ippubblikata fl-2018[10], se tikkomplementa lil dan ir-rapport u lill-analiżi tal-Kummissjoni fir-rigward tat-trajettorja għall-konformità. B'mod aktar speċifiku, il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tal-2020 se tipprovdi valutazzjoni analitika ddettaljata dwar fiex waslu l-Istati Membri u l-UE kollha kemm hi fir-rigward tal-ilħiq tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet u fir-rigward tat-titjib tal-kwalità tal-arja, tas-saħħa u tal-ambjent, u analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-miżuri meħtieġa u tal-impatti mistennija.

2. Kisba prevista tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

2.1. L-inventarji u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet bħala bażi għall-verifika tal-konformità

L-obbligu ċentrali għall-Istati Membri stabbilit skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 huwa l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja SO_2, NO_x, NMVOC, NH_3 u $PM_{2.5}$ għall-2020 sal-2029 u mill-2030 'il quddiem. Fi Frar ta' kull sena, l-Istati Membri jirrappurtaw l-inventarji tal-emissjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva. Dawn l-inventarji jintużaw sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Madankollu, hemm perjodu ta' sentejn bejn l-emissjonijiet attwali u r-rappurtar tal-inventarji. L-aħħar inventarji rrappurtati fi Frar tal-2020 jittrattaw l-emissjonijiet tal-2018. Għalhekk, għadha ma tistax tiġi vverifikata l-konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2020. Madankollu, skont l-Artikolu 10(2) l-Istati Membri għandhom ukoll l-obbligu li, kull sentejn, jirrappurtaw l-emissjonijiet ipprojettati tagħhom, u huma għamlu dan l-aħħar fl-2019. Il-livelli pprojettati tal-emissjonijiet jitqabblu mal-impenji għat-tnaqqis għall-2020 sal-2029 u għall-2030 'il quddiem sabiex tiġi vvalutata l-konformità pprojettata.

[10] COM(2018) 446 final.

Il-kwalità tajba tal-inventarji u tal-projezzjonijiet hija importanti ħafna biex ikun hemm valutazzjoni affidabbli tal-konformità. Il-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib it-titjib fil-kwalità tal-inventarji u tal-projezzjonijiet u tappoġġa lill-Istati Membri f'dan l-impenn (ara t-taqsima 5.1 ta' dan ir-rapport), fosthom billi twettaq u tippubblika rieżamijiet tal-inventarji[11] u tal-projezzjonijiet[12] u billi tipprovdi l-bini tal-kapaċità.

Ir-rieżamijiet tal-inventarji jivvalutaw mhux biss il-kwalità tad-*data* tal-inventarji iżda wkoll l-aċċettabbiltà tal-applikazzjonijiet għall-aġġustament tal-inventarji ppreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva. F'ċerti kundizzjonijiet iddefiniti fid-Direttiva u fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw l-inventarji tagħhom 'l isfel. Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu inventarji aġġustati biex iqisu l-iżviluppi fil-metodi tal-inventarji aġġornati f'konformità mal-għarfien xjentifiku minn mindu ġew stabbiliti għall-ewwel darba l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-Artikolu 21(2) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 5(1) fir-rigward tal-livelli massimi stabbiliti skont id-Direttiva dwar il-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet (id-Direttiva 2001/81/KE). Wara li fl-2017 madwar terz tal-Istati Membri applikaw għall-aġġustamenti, għadd iktar limitat ta' Stati Membri applikaw għal aġġustamenti ġodda fl-2018, fl-2019 u fl-2020[13].

Il-projezzjonijiet irrappurtati fl-2019 ġew ivvalutati flimkien mal-NAPCPs[14], peress li l-projezzjonijiet jiffurmaw il-bażi għall-valutazzjoni tar-riskju potenzjali ta' nuqqas ta' konformità u, għalhekk, tal-ħtieġa għal miżuri ġodda. Ħames kriterji ta' valutazzjoni tal-kwalità għall-projezzjonijiet huma stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness IV tad-Direttiva: it-trasparenza, il-konsistenza, il-komparabbiltà, il-kompletezza u l-preċiżjoni. In-nuqqas ta' trasparenza ġie identifikat fl-aħħar rieżami bħala n-nuqqas ewlieni, u l-maġġoranza tal-Istati Membri (18)[15] naqsu milli jipprovdu biżżejjed dettalji dwar il-metodoloġiji, is-settijiet ta' *data* tal-input u s-suppożizzjonijiet li użaw biex iħejju l-projezzjonijiet tagħhom. Il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-projezzjonijiet ġeneralment kienu tajbin, filwaqt li l-preċiżjoni ġenerali tqieset insuffiċjenti f'għaxar Stati Membri[16]. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet,

[11] Ara s-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/implementation.htm.
[12] Ara s-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/NAPCP.htm.
[13] https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/implementation.htm: Disa' Stati Membri applikaw għall-ewwel darba għall-aġġustamenti fl-2017. Fl-2018 erba' Stati Membri applikaw għal aġġustamenti ġodda u fl-2019 u fl-2020 Stat Membru wieħed għamel dan (filwaqt li l-applikazzjonijiet għall-aġġustamenti ta' qabel ġew ippreżentati mill-ġdid).
[14] Ara l-valutazzjoni sħiħa fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/NAPCP.htm.
[15] Il-Belġju, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja.
[16] Il-Bulgarija, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija.

dan kien minħabba l-użu ta' metodoloġiji ssimplifikati żżejjed u nuqqas ta' biżżejjed dettalji fid-*data* tal-input għas-setturi ewlenin tal-emissjonijiet.

2.2. Il-kisba prevista tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2020 sal-2029 u tal-2030 'il quddiem

Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2016/2284, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja għall-2020, l-2025 u l-2030[17], sabiex jiġi vvalutat fiex waslu biex jilħqu l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 sal-2029 u għall-2030 'il quddiem rispettivament. Dawn jiffurmaw ukoll il-bażi għall-valutazzjoni ta' jekk l-emissjonijiet isegwux trajettorja lineari bejn l-2020 u l-2030 jew le (jekk le, dan jeħtieġ jiġi ġġustifikat). Il-projezzjonijiet għandhom ikopru xenarju "b'miżuri" (il-miżuri eżistenti biss) u, fejn ikun rilevanti, xenarju "b'miżuri addizzjonali" (il-miżuri eżistenti u l-miżuri addizzjonali ppjanati)[18]. Jekk Stat Membru jipprojetta li jissodisfa l-impenji kollha tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bis-saħħa tal-miżuri eżistenti, allura x-xenarju "b'miżuri" jkun biżżejjed.

Fix-xenarju "b'miżuri", l-analiżi turi li għaxar Stati Membri[19] jipprojettaw li jissodisfaw l-impenji *kollha* tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2020, filwaqt li l-għadd jinżel għal erbgħa[20] f'dak li għandu x'jaqsam mal-impenji tal-2030 (ara l-Anness 1 ta' dan ir-rapport). L-Istati Membri kollha li ma jissodisfawx l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'miżuri eżistenti jridu jistabbilixxu miżuri addizzjonali. Madankollu, disa' Stati Membri li pprojettaw nuqqas ta' konformità ma' impenn wieħed jew iktar għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fix-xenarju "b'miżuri" tagħhom ma rrappurtawx xenarju "b'miżuri addizzjonali"[21]. B'mod parallel, fost is-sbatax-il Stat Membru li rrappurtaw xenarju "b'miżuri addizzjonali"[22], seba'[23] biss jipprojettaw konformità mal-impenji kollha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (għas-snin kollha u għas-sustanzi niġġiesa kollha). L-Istati Membri l-oħrajn se jkollhom jistabbilixxu miżuri addizzjonali biex jissodisfaw l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Kemm għax-xenarju "b'miżuri" kif ukoll għal dak "b'miżuri addizzjonali", in-nuqqas ta' konformità huwa pprojettat l-iktar spiss għall-impenji għat-tnaqqis tal-

[17] L-Artikolu 10(2) jirreferi għat-Tabella C tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2016/2284, li tagħti dettalji dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtar fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-projezzjonijiet.
[18] L-Artikolu 8(5) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 jirreferi għall-Parti 2 tal-Anness IV tagħha, li tiddeskrivi r-rekwiżiti għall-projezzjonijiet.
[19] Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Finlandja.
[20] Il-Kroazja, Ċipru, in-Netherlands u l-Finlandja.
[21] L-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.
[22] Ara l-Anness 2.
[23] Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, Franza, il-Kroazja u n-Netherlands.

emissjonijiet tal-NH_3 (kemm għall-2020 sal-2029 kif ukoll għall-2030 ’il quddiem), segwit mill-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-NMVOC, tal-NO_x u tal-$PM_{2.5}$. Ħlief għal xi każijiet speċifiċi, bħalissa ma jidhirx li l-issodisfar tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-SO_2 qed joħloq problemi fl-UE.

3. Analiżi tal-NAPCPs

3.1. L-issodisfar tar-rekwiżiti legali

Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva (UE) 2016/2284, l-Istati Membri għandhom jadottaw Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (NAPCP) biex juru kif beħsiebhom jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi annwali tagħhom fid-dawl tal-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-NAPCP jikkostitwixxi strument ta’ governanza ċentrali li jippermetti lill-Istati Membri jikkoordinaw u jaqblu dwar il-politiki u l-miżuri tagħhom (PuM) sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. It-tħejjija tiegħu teħtieġ konsultazzjoni u involviment tal-awtoritajiet kompetenti f’livelli differenti u ta’ diversi setturi differenti, bħall-ambjent, l-agrikoltura, l-enerġija, il-klima, it-trasport, l-industrija u l-finanzi. Issir enfasi partikulari fuq il-koerenza mal-pjanijiet u mal-programmi tal-oqsma kollha tal-politika rilevanti. Barra minn hekk, l-NAPCP huwa għodda biex tingħata informazzjoni dwar il-politiki ta’ Stat Membru b’rabta mal-kontroll tat-tniġġis u biex il-pubbliku jiġi involut fil-proċess tat-tfassil tal-politika.

F’konformità mal-Artikolu 6(10) tad-Direttiva, il-Kummissjoni speċifikat il-format tal-NAPCP fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1522[24] li tistabbilixxi kontenut obbligatorju u fakultattiv abbażi tal-Artikolu 6 u tal-Parti 1 tal-Anness III tad-Direttiva. Il-PuM addizzjonali magħżula għall-adozzjoni mill-Istati Membri biex ikomplu jnaqqsu l-emissjonijiet jikkostitwixxu parti essenzjali minn dak il-kontenut obbligatorju. Dawn il-PuM addizzjonali jridu jiġu rrappurtati permezz tal-“Għodda tal-PuM tal-EEA”, li hija għodda tal-web żviluppata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Il-Kummissjoni ħejjiet ukoll gwida għall-iżvilupp tal-NAPCPs[25], f’konformità mal-Artikolu 6(9) tad-Direttiva. Il-gwida tgħin lill-Istati Membri jfasslu NAPCP skont il-format stabbilit fid-Direttiva u f’konformità mar-rekwiżiti tagħha. L-ewwel NAPCPs kellhom jintbagħtu sal-

[24] Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1522 tal-11 ta’ Ottubru 2018 li tistabbilixxi format komuni għall-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta’ ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 256, 12.10.2018, p. 87).

[25] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Gwida għall-iżvilupp ta’ Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta’ ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU C 77, 1.3.2019, p. 1).

1 ta' April 2019. L-NAPCPs iridu jiġu aġġornati tal-inqas kull erba' snin u iktar kmieni minn hekk jekk ikun hemm *data* ġdida li tkun teħtieġ dan.

Tmien Stati Membri[26] ppreżentaw l-NAPCPs finali tagħhom lill-Kummissjoni fil-ħin. Sittax-il Stat Membru ieħor[27] ippreżentaw l-NAPCPs finali tagħhom sa Mejju tal-2020[28], filwaqt li żewġ Stati Membri[29] kienu ppreżentaw biss abbozz tal-NAPCPs tagħhom sal-istess data. Żewġ Stati Membri[30] għadhom la ppreżentaw abbozz tal-NAPCP u lanqas NAPCP finali. Fi Frar ta' din is-sena, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra t-tliet Stati Membri[31] li kien għadhom ma ppreżentaw l-ebda NAPCP f'dak iż-żmien, u wieħed minnhom wara bagħat l-NAPCP tiegħu f'Marzu[32]. L-Istati Membri ta' spiss attribwew id-dewmien fir-rappurtar għall-proċeduri twal ta' konsultazzjoni u għall-ħtieġa li jallinjaw l-NAPCP mal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u għall-Klima li kellhom jibagħtu sal-31 ta' Diċembru 2019 skont ir-Regolament (UE) 2018/1999[33] dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.

Fir-rigward tal-NAPCPs finali li l-Kummissjoni rċeviet sa Mejju tal-2020, tlettax-il Stat Membru użaw il-format komuni għall-NAPCP[34], disa' Stati Membri użawh parzjalment[35], u żewġ Stati Membri ma użawhx[36].

Skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva (UE) 2016/2284, l-Istati Membri kellhom jikkonsultaw lill-pubbliku, f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE[37], dwar l-abbozz tal-NAPCP. Dsatax-il Stat Membru[38] pprovdew ħolqa għall-konsultazzjoni

[26] Il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, in-Netherlands, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.
[27] Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.
[28] Id-data limitu għall-inklużjoni f'dan ir-rapport.
[29] L-Italja u l-Lussemburgu.
[30] Il-Greċja u r-Rumanija.
[31] Il-Greċja, Malta u r-Rumanija.
[32] Malta.
[33] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).
[34] Il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit.
[35] Id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, l-Irlanda, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja.
[36] Iċ-Ċekja u l-Estonja.
[37] Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).
[38] Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

pubblika fl-NAPCP finali tagħhom filwaqt li ħames Stati Membri[39] ma għamlux dan.

Fir-rigward tar-rappurtar tal-kontenut obbligatorju tal-NAPCP, il-maġġoranza tad-dokumenti analizzati pprovdiet il-kontenut obbligatorju kollu jew għamlet dan b'diskrepanzi relattivament żgħar biss[40], iżda b'mod ġenerali hemm nuqqas ta' dettall dwar il-politiki u l-miżuri addizzjonali, li jagħmilha iktar diffiċli li ssir analiżi fil-fond. In-nuqqasijiet u n-nuqqas ta' dettall instabu iktar meta l-Istati Membri ma użawx il-format komuni jew ma għamlux ir-rappurtar permezz tal-Għodda tal-PuM tal-EEA ippreżentata iktar kmieni f'dan ir-rapport. Ħafna mill-Istati Membri pprovdew biss ftit informazzjoni dwar il-kontenut fakultattiv (ara t-taqsima 4 għal aktar dettalji).

3.2. Analiżi tal-politiki u tal-miżuri addizzjonali rrappurtati

L-Istati Membri li ma jipprojettawx li jwettqu l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bil-politiki attwali jridu jirrappurtaw fl-NAPCPs tagħhom il-politiki u l-miżuri addizzjonali li huma qiesu għall-adozzjoni u dawk li għażlu fir-realtà biex iwettqu l-impenji tagħhom. Dan ir-rappurtar kellu jsir permezz tal-"Għodda tal-PuM tal-EEA".

Il-firxa u l-grad ta' dettall tar-rappurtar tal-Istati Membri dwar dan l-aspett ivarjaw fost l-Istati Membri u fost il-PuM[41]. Madankollu, jistgħu jiġu identifikati x-xejriet ġenerali li ġejjin[42]:

- Il-PuM magħżula għall-adozzjoni ppreżentati fl-NAPCPs għandhom fil-mira s-sustanzi niġġiesa ewlenin f'kull settur li japplikaw għalih. Ġie rrappurtat għadd kbir ta' PuM fl-agrikoltura (li għandhom fil-mira l-NH_3), fit-trasport bit-triq u fis-setturi kummerċjali, istituzzjonali u tal-unitajiet domestiċi (il-$PM_{2.5}$ u l-NO_x) u fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija (il-$PM_{2.5}$, l-SO_2 u l-NO_x). L-NO_x u l-$PM_{2.5}$ huma s-sustanzi niġġiesa fil-mira tal-ikbar għadd ta' PuM. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-għadd ta' PuM mhux bilfors huwa marbut b'mod lineari mal-effettività tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.
- Il-PuM ivarjaw minn speċifiċi ħafna (pereżempju l-PuM li jirrestringu l-operat f'impjant partikulari) sa ġeneriċi ħafna (pereżempju l-PuM li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika jew l-istrateġiji tat-trasport), u dawn tal-aħħar bilfors iwasslu għal iktar inċertezza fit-tnaqqis ipprojettat tal-emissjonijiet.
- It-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet huwa pprovdut biss għal sehem żgħir mill-PuM (skont is-setturi, iżda dejjem għal inqas minn nofs il-PuM), u dan

[39] Iċ-Ċekja, Ċipru, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja.
[40] Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.
[41] Il-Latvja u l-Ungerija mhux qed jitqiesu fl-analiżi tal-PuM minħabba li bagħtu l-NAPCP finali tagħhom tard.
[42] Is-sit web li ġej jagħti informazzjoni iktar estensiva dwar dan: https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/NAPCP.htm.

iwassal għal inċertezza fir-rigward tal-kredibbiltà tal-miżuri u fir-rigward ta' kemm jistgħu jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, l-NAPCPs ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni biex ikun jista' jsir tqabbil tat-tnaqqis mistenni fl-Istati Membri differenti (li jikkontribwixxi għall-validazzjoni tal-istimi). Meta jiġi pprovdut tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet, ta' spiss dan jiżdied maż-żmien, li x'aktarx jikkorrispondi għal adozzjoni gradwali tal-miżuri.

- F'ċerti setturi (pereżempju fit-trasport u fil-konsum tal-enerġija), madwar nofs il-PuM li ġew irrappurtati fil-fatt għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li diġà jeżistu (jew tal-inqas li diġà ġew adottati), u d-data tal-adozzjoni rrappurtata għalihom tvarja bejn l-2004 u l-2019. Diversi PuM għandhom x'jaqsmu mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE (pereżempju mal-implimentazzjoni tal-Aqwa Tekniki Disponibbli skont id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali[43]) u għalhekk jidħlu fix-xenarju "b'miżuri" iktar milli fix-xenarju "b'miżuri addizzjonali". Distinzjoni iktar ċara bejn il-PuM eżistenti u l-PuM il-ġodda tippermetti li jiġu vvalutati aħjar il-ħtieġa proprja għal PuM ġodda u l-valur miżjud tagħhom.
- Għas-settur agrikolu, il-PuM jikkorrispondu għall-miżuri deskritti fil-Parti 2 tal-Anness III tad-Direttiva (Stat Membru wieħed biss jippreżenta PuM li jmorru lil hinn minn dawk elenkati fl-Anness III) u b'mod ġenerali, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ipprojettat mill-Istati Membri differenti huwa konsistenti. L-agrikoltura hija l-aktar settur li jarmi ammonijaka u l-PuM f'dan is-settur ġustament għandhom fil-mira din is-sustanza niġġiesa; madankollu, ta' spiss dawn ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw li jitwettqu l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Xi PuM f'dan il-qasam jipprevedu tnaqqis tal-emissjonijiet tal-$PM_{2.5}$ bħala kobenefiċċju tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka.

B'mod ġenerali, l-NAPCPs ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni dwar il-PuM biex tiġi kkonfermata b'ċertezza l-kredibbiltà tagħhom; b'mod partikulari, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar l-adozzjoni pprojettata tal-PuM, dwar l-iskala taż-żmien tal-implimentazzjoni tagħhom u dwar il-livell previst tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, għal madwar terz tal-Istati Membri analizzati, hemm xi inkonsistenzi importanti bejn il-projezzjonijiet irrappurtati skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva u l-projezzjonijiet użati fl-NAPCPs, u b'hekk hemm dubji dwar jekk il-miżuri proposti fl-NAPCPs humiex adegwati.

3.3. Rabtiet bejn l-NAPCPs u l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs)[44]

Hemm diversi rabtiet bejn il-politiki dwar l-arja u dwar il-klima u l-enerġija, peress li s-sorsi emittenti tal-gassijiet serra u s-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' spiss ikunu l-

[43] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

[44] Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri kellhom jibagħtu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019.

istess. Għalhekk, f'ħafna każijiet, miżura waħda tista' tkun ta' benefiċċju kemm biex jintlaħqu l-għanijiet marbutin mal-arja kif ukoll dawk marbutin mal-klima (pereżempju l-iżvilupp ta' mezzi tat-trasport attivi u l-iżolament aħjar tal-bini biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija). Madankollu, f'ċerti każijiet, jeżistu wkoll kompromessi (pereżempju l-użu tal-bijoenerġija għat-tisħin domestiku). Il-leġiżlazzjoni dwar l-arja u dwar l-enerġija u l-klima jirreferu għal xulxin u jeħtieġu li jiġu stabbiliti rabtiet bejn l-NAPCPs u l-NECPs[45]. Il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-NAPCPs tistieden b'mod speċifiku lill-Istati Membri jqisu l-politiki u l-miżuri ppjanati fil-kuntest tal-obbligi dwar il-klima u l-enerġija meta jkunu qed jabbozzaw l-NAPCP tagħhom.

Huwa rrikonoxxut li, minħabba s-sekwenzjar tal-iskadenzi legali, l-NAPCPs li jintbagħtu fil-ħin jistgħu jirreferu biss għall-abbozzi tal-NECPs u mhux għal dawk finali. Min-naħa l-oħra, l-NECPs finali għandhom ikunu jirriflettu r-rabtiet bejn l-arja u l-klima u l-enerġija minħabba li, f'Ġunju tal-2019, fil-kuntest tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni bagħtet rakkomandazzjoni lil 26 Stat Membru[46] dwar l-abbozzi tal-NECPs tagħhom biex itejbu l-valutazzjoni tal-impatti fuq l-arja.

L-NAPCPs analizzati għal dan ir-rapport jirreferu għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija iżda, minħabba li ma ngħatawx biżżejjed dettalji fihom, mhux ċar sa liema punt dawn fil-fatt ikkontribwew biex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji u biex jiġu indirizzati l-kompromessi bejn iż-żewġ oqsma tal-politika. Is-sitwazzjoni tvarja ħafna wkoll fost l-NAPCPs ikkonċernati. Xi wħud jirriflettu, jew saħansitra jikkwantifikaw, l-impatti tal-miżuri marbutin mal-klima u mal-enerġija fuq it-tniġġis tal-arja u, bil-kontra, jivvalutaw l-impatti tal-miżuri marbutin mal-arja fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. F'oħrajn, il-miżuri marbutin mal-klima u mal-enerġija huma inklużi fil-lista ta' miżuri elenkati fl-NAPCP. Fl-aħħar nett, xi oħrajn jużaw ukoll sett ta' *data* komuni biex joħolqu mudelli taż-żewġ oqsma ta' politika.

Madankollu, l-analiżi tal-NAPCPs turi li hemm lok għal titjib fir-rabtiet bejn il-politiki dwar l-arja nadifa u l-politiki dwar il-klima u l-enerġija u li hemm bżonn li ż-żewġ eżerċizzji ta' ppjanar jiġu integrati iktar sabiex tiżdied l-effettività tal-politiki sottostanti. Fil-ġejjieni, il-Kummissjoni se tfittex aktar integrazzjoni bħal din f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

[45] Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 (b'rabta mas-sinerġiji), il-Parti 1 tal-Anness III tagħha (b'rabta mal-konsistenza fil-prijoritajiet) u l-Parti 2 tal-Anness IV tagħha (b'rabta mal-konsistenza fil-projezzjonijiet). B'mod parallel, ara l-paragrafu 5(1)(i) tat-Taqsima A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999 li jeħtieġ ir-rappurtar tal-impatti pprojettati tal-politiki u tal-miżuri ppjanati dwar l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja rregolati skont id-Direttiva (UE) 2018/2284.

[46] L-Istati Membri kollha ħlief Spanja u Franza — ara s-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-strategy/national-energy-climate-plans_mt.

3.4. Ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

Minbarra l-analiżi tal-kisba pprojettata tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li kull Stat Membru rrapporta skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva, il-Kummissjoni vvalutat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet abbażi tal-analiżi konġunta tal-kwalità tal-projezzjonijiet, tal-kredibbiltà tal-PuM magħżula għall-adozzjoni fl-NAPCPs u tal-marġni ta' konformità pprojettat[47]. Minn din il-valutazzjoni ħareġ li, għall-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2020 sal-2029, minn għoxrin Stat Membru meqjusin fl-analiżi[48], erbatax[49] għandhom riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka (ara l-Anness 3).

Fir-rigward tal-impenji tal-2030, l-istampa tagħti iktar raġunijiet għal tħassib, minħabba li iktar minn nofs l-Istati Membri analizzati għandhom riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa kollha msemmijin fid-Direttiva (UE) 2016/2284 minbarra l-SO_2. Għalhekk, f'dawn l-Istati Membri għandhom jiġu implimentati miżuri oħrajn minbarra dawk ippreżentati fl-NAPCPs, sabiex jitnaqqas dan ir-riskju. Dan jista' jinvolvi, fost l-oħrajn, l-għażla ta' PuM oħrajn għall-adozzjoni, it-tfassil mill-ġdid tal-PuM diġà magħżula għall-adozzjoni, l-implimentazzjoni ta' miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-PuM, u l-għażla tal-indikaturi biex jiġi mmonitorjat aħjar il-progress fl-implimentazzjoni. L-Istati Membri se jkollhom jiddokumentaw dawn il-miżuri addizzjonali f'NAPCP aġġornat, kif jitlob l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva.

[47] Il-valutazzjoni sħiħa tinsab fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/NAPCP.htm.

[48] 20 Stat Membru biss bagħtu l-NAPCPs u l-projezzjonijiet tagħhom fil-ħin biex seta' jiġi analizzat ir-riskju tagħhom ta' nuqqas ta' konformità f'dan ir-rapport. Dawn kienu l-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, l-Irlanda, Franza, il-Litwanja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

[49] Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Franza, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

4. Analiżi tal-impatti tat-tnaqqis ipprojettat tal-emissjonijiet

4.1. L-impatti fuq il-kwalità tal-arja

It-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa jwassal għal tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa u, għalhekk, għal titjib fil-livelli tal-kwalità tal-arja. Fost is-sittax-il NAPCP li tressqu fil-ħin biex setgħu jiġu analizzati għal din it-taqsima, għaxar Stati Membri (kif deskritt hawn taħt) wieġbu għar-rekwiżit fakultattiv li jirrappurtaw informazzjoni dwar l-impatti pprojettati fuq il-kwalità tal-arja tal-Politiki u tal-Miżuri addizzjonali tagħhom. Din l-informazzjoni kienet tvarja minn deskrizzjoni kwalitattiva tal-impatti[50] sa mmudellar iddettaljat tal-konċentrazzjonijiet futuri[51] u l-għoti tal-konformità pprojettata mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja[52]. Fejn sar l-immudellar tat-tibdil futur fil-kwalità tal-arja, l-Istati Membri b'mod ġenerali inkludew fl-NAPCPs tagħhom mapep tal-konċentrazzjonijiet futuri tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ambjentali. Ikun utli kieku Stati Membri oħrajn iwettqu din it-tip ta' analiżi wkoll sabiex jiżdiedu s-sinerġiji bejn id-Direttiva (UE) 2016/2284 u d-Direttivi dwar il-kwalità tal-arja ambjentali. Analiżi integrattiva bħal din tagħmilha possibbli li jintgħażlu miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jtejbu l-livelli lokali tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja. Il-benefiċċji ewlenin mistennija jiġu mill-miżuri stabbiliti fis-setturi tat-trasport u tat-tisħin domestiku, peress li dawn ikunu japplikaw għaż-żoni urbani, fejn hemm esponiment ikbar tal-popolazzjoni. B'mod ġenerali, l-Istati Membri kollha ddikjaraw li qiesu l-impatti fuq il-kwalità tal-arja meta għażlu l-PuM għall-adozzjoni, iżda ma għażlu l-ebda PuM biex jindirizzaw b'mod ewlieni l-objettivi tal-kwalità tal-arja.

4.2. Impatti fuq l-ekosistemi

It-tniġġis tal-arja mhux biss iwassal għal impatti fuq saħħet il-bniedem iżda jwassal ukoll għall-aċidifikazzjoni, għall-ewtrofikazzjoni u għall-formazzjoni tal-ożonu troposferiku, li lkoll huma ta' ħsara għall-ekosistemi (l-ekosistemi tal-ilma ħelu jew terrestri, u dawk seminaturali kif ukoll agrikoli) u għall-bijodiversità. Id-Direttiva (fl-Artikolu 9 u fl-Artikolu 10(4) tagħha) tirrikjedi lill-Istati Membri jirrappurtaw dawn l-impatti fuq l-ekosistemi kull erba' snin mill-1 ta' Lulju 2019 'il quddiem, abbażi ta' netwerk rappreżentattiv ta' siti li kellu jiġi stabbilit sal-1 ta' Lulju 2018, u li għalih ukoll ir-rappurtar irid jiġi aġġornat kull erba' snin. L-Istati Membri kollha ssodisfaw dawn iż-żewġ obbligi tar-rappurtar. Dan jipprovdi l-ewwel bażi sabiex tiġi stabbilita referenza li magħha titqabbel id-*data* dwar l-ekosistemi futura rrappurtata skont id-Direttiva, u jikkontribwixxi għall-valutazzjoni futura tal-effettività tad-Direttiva biex tħares l-ambjent fuq perjodu itwal taż-żmien.

[50] Id-Danimarka, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Awstrija u s-Slovenja.
[51] Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja u l-Polonja.
[52] Spanja u l-Litwanja.

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Avviż tal-Kummissjoni[53] u mudell tar-rappurtar fakultattiv flimkien mal-gwida ta' akkumpanjament tiegħu[54] sabiex tiffaċilita r-rappurtar min-naħa tal-Istati Membri tal-impatti fuq l-ekosistemi u l-analiżi sussegwenti tagħhom. L-Istati Membri kollha użaw il-mudell standardizzat tar-rappurtar tal-inqas għal parti mid-*data* li bagħtu għall-2019. Fl-Anness V tagħha, id-Direttiva tipprovdi wkoll lista ta' indikaturi fakultattivi għall-monitoraġġ. L-Istati Membri rrappurtaw l-iktar dwar dawk marbutin mal-ekosistema tax-xmajjar u tal-lagi.

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni turi li n-netwerk attwali ta' siti u d-*data* rrappurtata għadhom mhumiex rappreżentattivi u adegwati biżżejjed biex jiġi mmonitorjat l-effett tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi Ewropej. Sabiex tinkiseb informazzjoni utli, huwa importanti li n-netwerk ta' monitoraġġ u d-*data* rrappurtata jkunu jirrappreżentaw l-ekosistemi kollha fit-territorju tal-UE. L-analiżi tas-siti ta' monitoraġġ irrappurtati fl-2018 turi li dan mhux dejjem huwa l-każ. Xi ekosistemi li huma partikularment sensittivi għat-tniġġis tal-arja (ix-xagħri, il-pantani u l-bwar sensittivi għall-aċidu) mhumiex rappreżentati biżżejjed, anki fl-Istati Membri fejn dawn l-ekosistemi huma mifruxa sew. Id-*data* rrappurtata fl-2019 tikkonferma l-analiżi ta' hawn fuq, peress li turi livelli differenti ta' intensità ta' monitoraġġ fost tipi differenti ta' ekosistemi u tkompli tikkonferma li l-ekosistemi li huma partikularment sensittivi għat-tniġġis tal-arja mhumiex rappreżentati biżżejjed. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, livelli differenti ta' esponiment għal pressjonijiet differenti jiġu mmonitorjati permezz ta' siti li jinsabu kemm f'żoni b'livell baxx ta' depożiti tal-kubrit u tan-nitroġenu kif ukoll f'żoni b'livell għoli tagħhom, u b'hekk jipprovdu kontribut pożittiv għar-rappreżentanza tad-*data* rrappurtata.

Id-Direttiva għandha l-għan li tillimita l-piż amministrattiv tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ tal-ekosistemi billi tħeġġeġ l-użu tal-istess siti u/jew tal-istess *data* li jintużaw għar-rappurtar fil-kuntest ta' obbligi oħrajn tal-UE jew internazzjonali. F'ħafna każijiet l-Istati Membri użaw din l-opportunità[55].

L-ewwel rappurtar tad-*data* dwar l-ekosistemi fl-2019 skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 se jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' referenza li magħha jistgħu jitqabblu l-impatti futuri, sakemm ikun hemm konsistenza maż-żmien fis-siti tar-rappurtar u fl-indikaturi u l-monitoraġġ isir bi frekwenza xierqa. Dan se jippermetti

[53] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-ekosistemi taħt l-Artikolu 9 u l-Anness V tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (Direttiva NEC) (ĠU C 92, 11.3.2019, p. 1).

[54] https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/ecosysmonitoring.htm.

[55] In-netwerks l-oħrajn li l-Istati Membri jużaw l-iktar għar-rappurtar dwar l-ekosistemi skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 għandhom x'jaqsmu mad-Direttiva dwar il-Ħabitats, mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u mal-Programmi ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni fuq it-tniġġis tal-arja transkonfini fuq distanza kbira.

wkoll li l-monitoraġġ tal-impatti fuq l-ekosistemi skont id-Direttiva jintuża għall-Istrateġija għall-Bijodiversità sal-2030 u wara dik id-data.

Minkejja li l-mudell għall-NAPCPs jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw (bħala kontenut mhux obbligatorju) l-impatti fuq l-ambjent tax-xenarju ta' projezzjonijiet "b'miżuri addizzjonali", dawn ma ġew irrappurtati fl-ebda NAPCP li ntbagħat fl-2019. X'aktarx li l-Istati Membri jirrappurtaw dawn l-impatti fl-NAPCP li jmiss tagħhom, abbażi tal-informazzjoni miġbura fil-kuntest tal-obbligi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva.

4.3. Il-kostijiet u l-benefiċċji tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja

L-informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-politiki u tal-miżuri magħżula għall-adozzjoni mill-Istati Membri hija kontenut fakultattiv tal-format tal-NAPCP. Fost is-sittax-il NAPCP analizzati f'dan ir-rigward għal dan ir-rapport, ħamsa minnhom biss irrappurtaw din l-informazzjoni[56]. Anki f'dawn l-NAPCPs, il-kostijiet ġew irrappurtati biss għal ftit politiki u miżuri u ngħataw relattivament ftit dettalji dwar il-firxa tal-miżuri u l-kobor tagħhom (jew ma ngħataw l-ebda dettalji dwar dan). Ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar il-perjodu taż-żmien li għalih japplikaw l-istimi tal-kostijiet. Dan ir-rappurtar limitat ħafna dwar il-kostijiet tal-miżuri proposti jista' jqajjem dubji dwar kemm huwa ggarantit il-finanzjament għall-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li l-istimi tal-kostijiet jiddependu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, fuq iċ-ċirkustanzi nazzjonali, ir-rappurtar tagħhom se jipprovdi elementi għal analiżi utli tal-effiċjenza relattiva tad-diversi miżuri li tista' tintuża għall-għażliet tal-politika fil-ġejjieni f'dak l-Istat Membru partikulari jew fi Stati Membri oħrajn (it-tagħlim bejn il-pari).

L-ebda NAPCP ma pprovda stimi tal-valur monetarju tal-benefiċċji tal-miżuri proposti. Dan huwa minħabba li l-emissjonijiet tal-arja u l-impatti tal-miżuri fuq il-kwalità tal-arja mhux dejjem jiġu kkwantifikati, u dan ixekkel il-passi finali tal-valutazzjoni.

Fir-rappurtar li jmiss tal-NAPCP, l-Istati Membri mistennija jibagħtu iktar informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, peress li dan huwa element importanti li wieħed jitgħallem minnu meta jkun qed jiżviluppa l-miżuri futuri. Sadanittant, dan l-aspett se jiġi analizzat fil-Perspettiva li jmiss dwar l-Arja Nadifa permezz ta' metodoloġija ta' mmudellar.

5. Aspetti oħrajn tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284

[56] Id-Danimarka, l-Estonja, il-Kroazja, Ċipru u l-Iżvezja.

5.1. Azzjonijiet eżistenti tal-UE li jappoġġaw l-implimentazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2016/2284, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi, f'intervalli regolari, Forum Ewropew dwar l-Arja Nadifa biex tiffaċilita l-implimentazzjoni kkoordinata tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja. S'issa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri rispettivi, il-Kummissjoni organizzat żewġ Fora Ewropej dwar l-Arja Nadifa. L-ewwel wieħed sar f'Pariġi fis-16 u s-17 ta' Novembru 2017, u t-tieni wieħed sar fi Bratislava fit-28 u d-29 ta' Novembru 2019[57]. Il-partijiet ikkonċernati mill-gvern, mill-industrija, mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u miċ-ċittadini urew interess kbir fiż-żewġ avvenimenti. Il-Forum dwar l-Arja Nadifa tal-2017 iffoka fuq it-temi tal-kwalità tal-arja fl-ibliet, it-tniġġis tal-arja mis-settur agrikolu, kif ukoll l-opportunitajiet kummerċjali marbutin mas-settur tal-arja nadifa. Il-Forum dwar l-Arja Nadifa tal-2019 ta segwitu għad-diskussjoni dwar l-impatti tal-agrikoltura fuq it-tniġġis tal-arja u, barra minn hekk, enfasizza l-arja nadifa u s-saħħa, it-tisħin domestiku u l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-miżuri dwar l-arja nadifa.

Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284 b'mezzi differenti, fosthom permezz tad-Djalogi dwar l-Arja Nadifa, tal-bini tal-kapaċità u tal-grupp ta' esperti dwar il-kwalità tal-arja ambjentali. Id-Djalogi dwar l-Arja Nadifa huma laqgħat bilaterali bejn il-Kummissjoni u Stat Membru sabiex jitkattru l-azzjonijiet li jtejbu l-kwalità tal-arja u li jnaqqsu t-tniġġis tal-arja, li jlaqqgħu flimkien atturi u setturi differenti f'approċċ kollaborattiv. Dawn jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet partikulari ta' Stat Membru, jippromwovu l-aħjar prattiki u jagħtu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament. Bejn l-2017 u l-2019, saru seba' djalogi, li kienu mal-Irlanda, mal-Lussemburgu, mal-Ungerija, mas-Slovakkja, ma' Spanja, maċ-Ċekja u mal-Italja.

Sabiex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-kapaċità tagħhom li jipproduċu projezzjonijiet affidabbli tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, fl-2018 il-Kummissjoni nediet proġett ta' bini tal-kapaċità li fih ħadu sehem għaxar Stati Membri. Wieħed mir-riżultati tal-proġett kien l-iżvilupp ta' materjal ta' gwida dwar it-tħejjija tal-projezzjonijiet li huwa aċċessibbli għall-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-Programm ta' Osservazzjoni tad-Dinja msejjaħ "Copernicus" ilu mill-2014 'l hawn jipprovdi, permezz tas-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera prinċipali tiegħu (CAMS), *data* u informazzjoni kontinwi li jiddeskrivu l-kwalità tal-arja u l-evoluzzjoni tagħha fil-livell nazzjonali u Ewropew.

[57] https://ec.europa.eu/environment/air/clean_air/forum.htm.

5.2. L-użu tal-fondi tal-Unjoni biex jiġu appoġġati l-objettivi tad-Direttiva (UE) 2016/2284

Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva, il-Kummissjoni "għandha tagħmel ħilitha biex tiffaċilita l-aċċess [tal-Istati Membri] għal fondi eżistenti tal-Unjoni" sabiex tappoġġa l-kisba tal-objettivi tad-Direttiva. Skont l-Artikolu 11(1)(c) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar dan l-użu.

Il-finanzjament tal-UE tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest ta' diversi programmi ta' finanzjament matul is-snin, u dawn użawh b'suċċess biex itejbu l-kwalità tal-arja. Dan il-finanzjament jew jappoġġa direttament il-proġetti tal-arja nadifa jew jinkludi b'mod effettiv l-objettivi tal-arja nadifa f'investimenti oħrajn (pereżempju fl-infrastruttura u fl-iżvilupp rurali u reġjonali). Sabiex timmonitorja l-progress tal-Istati Membri fl-użu ta' dawn il-fondi tal-UE, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija li tivvaluta sa liema punt kull fluss ta' finanzjament jikkontribwixxi għall-objettivi tal-arja nadifa. Dan il-monitoraġġ se jgħin lill-Istati Membri wkoll jimplimentaw politiki dwar l-arja nadifa.

L-Anness 4 ta' dan ir-rapport jippreżenta din il-metodoloġija kif ukoll l-ammonti stmati tal-fondi tal-UE li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-arja nadifa. Il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena dwar il-finanzjament tal-arja nadifa fil-qafas tal-abbozz tal-baġit tagħha, għal kull programm ta' finanzjament rilevanti.

5.3. L-għoti ta' segwitu għad-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Metan

Filwaqt li l-emissjonijiet globali tal-metan fl-UE naqsu bi 17 % bejn l-2005 u l-2017 (bl-istess rata bħall-gassijiet serra globali), l-emissjonijiet tal-metan mis-settur agrikolu naqsu b'1.6 % matul l-istess perjodu (li wassal għal sehem ikbar tas-settur agrikolu)[58].

Il-proposta tal-Kummissjoni għad-Direttiva (UE) 2016/2284 kienet tinkludi impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan minħabba l-urġenza li jiġu indirizzati l-emissjonijiet minn din is-sustanza niġġiesa kemm mil-lat tal-arja nadifa (minħabba li l-metan huwa prekursur importanti tal-ożonu) kif ukoll mil-lat tal-klima. Madankollu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jneħħu r-referenza għall-metan matul il-proċess tal-adozzjoni tad-Direttiva, u b'hekk din is-sustanza niġġiesa baqgħet ma ġietx irregolata minnha. Wara l-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni li ġiet ippubblikata fi tmiem id-Direttiva. Id-dikjarazzjoni tgħid hekk:

"Il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm każ qawwi tal-kwalità tal-arja biex l-iżvilupp tal-emissjonijiet tal-metan fl-Istati Membri jinżamm taħt rieżami bil-għan li jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-ożonu fl-UE u biex jiġi promoss

[58] Sors: l-EEA (https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/data-viewers/greenhouse-gases-viewer).

internazzjonalment it-tnaqqis tal-metan. Il-Kummissjoni tikkonferma li […] hija biħsiebha tkompli tivvaluta l-impatt tal-emissjonijiet tal-metan fuq il-ksib tal-għanijiet […] tad-Direttiva NEC u se tikkunsidra miżuri biex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet, u fejn adatt, tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dak l-għan".

Il-Kummissjoni ħadmet fuq din il-valutazzjoni ulterjuri[59].

Il-Komunikazzjoni dwar il-viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050 ivvalutat l-għażliet għal iktar tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan fis-setturi kollha tal-UE[60]. L-analiżi fil-fond li tappoġġaha wriet li għad hemm lok għal iktar tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan fis-setturi kollha kkonċernati, jiġifieri fl-agrikoltura, fl-iskart u fl-ilma mormi, kif ukoll fl-enerġija[61].

Il-Kummissjoni għadha temmen li l-emissjonijiet tal-metan iridu jibqgħu jiġu mmonitorjati sabiex jiġi limitat il-kontribut tagħhom għall-konċentrazzjonijiet tal-ożonu fl-UE u sabiex dawn jitnaqqsu fil-livell internazzjonali, hekk li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni ta' quddiem nett fl-iżvilupp ta' sinerġiji biex jiġi miġġieled kemm it-tibdil fil-klima u kemm it-tniġġis tal-arja. Abbażi tal-analiżi mwettqa tul dawn l-aħħar snin u f'konformità mal-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tal-2018, id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni ta' hawn fuq għadha valida għalkollox.

5.4. Rabtiet internazzjonali

Id-Direttiva (UE) 2016/2284 hija marbuta mill-qrib mal-Konvenzjoni tan-NU/KEE fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira u mal-Protokolli tagħha[62]. Sa fejn hu possibbli, jiġu esplorati s-sinerġiji bejn iż-żewġ reġimi legali u tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejniethom, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mar-rappurtar tal-inventarji u tal-projezzjonijiet tal-emissjonijiet. Ġie żviluppat manwal ta' gwida konġunt għall-inventarju għal metodoloġija komuni u dan jittejjeb b'mod kontinwu bl-appoġġ tal-EEA. Fil-biċċa l-kbira tagħhom il-Protokoll emendat ta' Gothenburg għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila, li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2019, u d-Direttiva jikkorrispondu ma' xulxin fir-rigward tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

[59] Bil-pubblikazzjoni ta' studju dwar ir-rabtiet bejn l-emissjonijiet tal-metan u l-konċentrazzjonijiet tal-ożonu https://ec.europa.eu/jrc/en/publication/global-trends-methane-emissions-and-their-impacts-ozone-concentrations u żewġ studji (fosthom wieħed li għadu għaddej) dwar il-potenzjal ulterjuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u dwar l-impatt tal-użu tal-bijometan u tal-idroġenu fuq l-infrastruttura tal-gass.

[60] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjaneta Nadifa għal kulħadd — Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018) 773 final).

[61] https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/docs/pages/com_2018_733_analysis_in_support_en_0.pdf (ara b'mod partikulari l-paġni 159 sa 174).

[62] https://ec.europa.eu/environment/air/policy/index.htm.

għall-perjodu mill-2020 sal-2029. Mill-2020 'il quddiem, il-Protokoll ta' Gothenburg se jiġi rieżaminat fil-qafas tal-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira, u dan se jipprovdi opportunità biex jitqies iktar allinjament ta' dawn iż-żewġ reġimi legali, fosthom fir-rigward tal-iżvilupp ta' approċċ marbut, pereżempju, mal-emissjonijiet tal-metan u mal-emissjonijiet tal-karbonju l-iswed.

6. Konklużjoni

Il-fatt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284 titqiegħed fit-triq it-tajba mill-bidu nett huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat it-tnaqqis f'waqtu tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, sabiex jingħata kontribut effettiv għat-titjib f'saħħet il-bniedem u f'saħħet l-ekosistema u sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-Kummissjoni "ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi" mogħtija fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Għadu kmieni wisq biex wieħed jislet konklużjonijiet definittivi dwar id-distanza tal-Istati Membri mill-mira u mit-trajettorji tal-konformità abbażi tal-emissjonijiet attwali peress li d-*data* tal-2020 mhux se tkun disponibbli għall-kontroll tal-konformità qabel l-2022. Madankollu, id-*data* dwar l-emissjonijiet ipprojettati u l-analiżi tal-NAPCPs jindikaw biċ-ċar li hemm bżonn isiru iktar sforzi anke fuq medda qasira taż-żmien.

Peress li l-NAPCPs jiffurmaw strument fundamentali tad-Direttiva, aktar u aktar huwa importanti li dawn jitħejjew fil-ħin u abbażi ta' *data* ta' kwalità tajba, u li dawn jiġu aġġornati meta jkun previst li mhux se jintlaħqu l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u fi kwalunkwe każ tal-inqas kull erba' snin. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jridu jkomplu jesploraw miżuri addizzjonali u iktar stretti sabiex jiżguraw tnaqqis ulterjuri u effettiv għalkollox fl-emissjonijiet nazzjonali tagħhom tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja b'mod effiċjenti. F'dan ir-rigward, l-ammonijaka tispikka. Kif kien diġà ġie enfasizzat fl-ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa fl-2018, l-emissjonijiet tal-ammonijaka għadhom eċċezzjoni għat-titjib ġenerali osservat s'issa. Is-settur agrikolu se jkollu bżonn jagħmel iktar sforzi biex jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tappoġġa l-isforzi nazzjonali f'dan ir-rigward, permezz ta' għodod finanzjarji u mhux finanzjarji. Għal tal-ewwel, dan se jinkiseb, fost l-oħrajn, billi jiġi mmassimizzat l-użu tal-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni fiċ-ċiklu ta' pprogrammar li jmiss. Għal tal-aħħar, dan se jsir, fost l-oħrajn, permezz ta' azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità u permezz tal-promozzjoni ta' iktar sinerġiji mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, bħad-Direttiva 91/676/KEE dwar in-Nitrati u d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' din l-aħħar Direttiva se jittratta l-potenzjal li jingħata kontribut ikbar għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, fosthom tal-ammonijaka.

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-appoġġ estiż mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u mill-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni fil-kuntest tac-ċiklu l-ġdid tal-ipprogrammar se jiffaċilitaw b'mod konsiderevoli l-kisba tal-objettivi tad-Direttiva (UE) 2016/2284. Ħafna inizjattivi tal-Patt Ekoloġiku se jwasslu għal kobenefiċċji importanti għal implimentazzjoni iktar effiċjenti u iktar rapida tad-Direttiva. L-ewwel u qabel kollox, ambizzjoni klimatika akbar li tissarraf f'żieda fl-effiċjenza enerġetika u fl-iżvilupp ulterjuri ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli se tnaqqas l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja flimkien ma' dawk tal-gassijiet serra. Fl-istess ħin, l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284 se tkun strumentali wkoll sabiex jinkiseb suċċess fit-tranżizzjoni lejn "l-ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi" prevista fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Minbarra dan ir-rapport, it-tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa li ġejja, li għandha tiġi ppubblikata iktar tard fl-2020, se tixħet dawl fuq il-kostijiet, il-benefiċċji, is-sinerġiji u l-kompromessi tal-livelli attwali u pprojettati tal-implimentazzjoni tad-Direttiva u se tenfasizza l-ħtiġijiet potenzjali għal iktar azzjonijiet, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.